**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Gunju 2023**

**<u>Rikors Guramentat Nru: 20/23 AGV</u>**

**RB**
**Vs**
**JC**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors ta' JC tal-25 t'April 2023 li fiha ppremettiet u talbet is-segwenti:**

**Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma: -**

1. Illi qed tagħmel referenza għar-rikors ġuramentat li ġie ntavolat nhar it-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023) u li l-esponenti

rċiviet u ġiet notifikata bih propju nhar l-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023);

2. Illi l-esponenti sforz id-diffikultajiet tal-hajja bhall-impjieg taghha, il-fatt li tiehu hsieb it-tfal taghha *full time* u sforz il-fatt li ma kinitx edotta tal-fatt li ghandha tirrikorri ghand avukat minnufih, hija sfat kontumaci proprju b'gurnata wahda biss u dana ghaliex ma lahqitx irrikoriet ghand avukat fil-hin;

3. Illi għaldaqstant l-esponenti ġiet mgħarrfa mill-avukat sottoskritt ilbierah erbgha u ghoxrin (24) ta' April elfejn tlieta u ghoxrin (2023) b'dan ir-rikors u proprju kien l-avukat sottoskritt li intebah illi t-terminu tar-risposta kien skada proprju dakinhar stess filghodu;

4. Illi l-esponenti tiskuża ruħha ma' din l-Onorabbli Qorti minhabba dan in-nuqqas biss pero' hija umilment tixtieq tagħti spjegazzjoni u raġuni valida għalfejn hija sfat f'dina l-pozizzjoni u dana ghaliex hija tixtieq ikollha parti attiva f'dawn il-proceduri u dan fil-buon interess taz-zewgt itfal tal-komparenti partijiet;

5. Illi meta rċieviet n-notifika ta' din l-Onorabbli Qorti, ċioe' fid-data tal-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023), kien proprju t-tifel tal-komparenti partijiet illi gabar tali notifika u mhux l-esponenti b'mod personali;

6. Illi sussegwentament wara xi ftit jien mid-data tan-notifika, l-istess tifel fetah qalbu m'ommu u infurmahha li ftit tal-jiem qabel huwa kien inghata pakkett ta' dokumenti wara li huwa semgha l-qampiena tad-dar iddoqq u mar jiftah;

7. Illi in vista ta' dan, u sforz anke l-*parental alientation* min-naha tal-komparenti attur f'dawn il-proceduri, l-omm sfat pregudikata ghaliex inghatat l-inkartament tal-proceduri tardivament u ghaldaqstant ma gawdietx mill-ghoxrin (20) jum kollha li hija kellha sabiex tintavola r-risposta taghha;

8. Illi referenza ampjament tista' issir ghal gurisprudenza illi sawwret certu direzzjonijiet meta wiehed jigi sabiex jiddeciedi fuq il-kontumaci fosthom li *l-impediment biex ikun leġittimu għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*

9. Illi l-esponenti tirrileva mill-gdid li l-impediment li t-tifel il-kbir li ircieva l-inkartament dam ma ghadda l-istess inkartament lilha hija impediment indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci stante li hija anqas biss kienet prezenti fil-fond fejn saret in-notifika fil-hin meta gew il-marixalli bl-inkartament;

10. Illi fid-dawl ta' dan, jkun fil-bon sens li l-omm tinghata l-fakolta' li tinstemgha u tkun parti attiva fil-proceduri stante li nibtet *parental alientation* qawwija min-naha tal-missier li certament ser tkun detrimentali immens jekk ma tkunx opposta bil-provi li ghandha f'idha ir-rikorrenti;

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti b'harsa lejn l-inkartament li gie mghoddi lilha tardivament, hasbet li hija ghandha sad-data tas-smiegh, u cioe sat-tlieta (3) ta' Mejju elfejn tlieta u ghoxrin (2023), sabiex hija tintavola r-risposta taghha;

12. Illi kif jirriżulta mill-premess in-nuqqas ta' ottempranza mat-termini tal-liġi ma kien b'ebda nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti;

13. Illi huwa assodat fil-ġurisprudenza illi l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-attriċi, ikun wera disrispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha. Din il-proċedura b'numru ta' pronunzjament mill-Qrati tagħna ġiet mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta, kif jiġi sottomess, għandha tkun sodisfatta fil-każ odjern, li ma kien hemm ebda nuqqas volut minn naħa tal-persuna mħarrka, u għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikabbli, hekk skont 'Miceli Helen Sive Nellie et vs Pisani Carmelo Sive Charles' (2004); 'Causon Myriam vs Falzon Nicholas' (2003); 'Grima Marco vs Grima Rita' (2003); u anke 'Grech Alison vs Grech Karl Joseph' (2003);

14. Illi fid-decisjoni ta' dawn il-Qrati fl-ismijiet Lorraine Nejjar vs Zoher Ibrahim Nejjar[1] gie rilevat: Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, **"una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";**

15. Illi fid-dawl tal-premess, l-esponenti umilment terga tissenjala li hija omm li tiehu hsieb zewgt itfal *full time* u li apparti hekk tahdem u tiehu hsieb id-dar ukoll;

[1] Vide Lorraine Nejjar vs Zoher Ibrahim Nejjar (Q.C. (S.F) (RCP) 16 ta' Marzu 2005)

16.Illi hekk skont is-sentenza stess fl-ismijiet ‘<u>Calleja Noel et vs MiddleSea Valletta Life Assurance’ (2005)</u>, l-istitut in diżamina għandu jkun regolat hekk skont:

*“(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*
*(2) Lanqas tista’ tiġi ġustifikata jekk almenu kolpuża;*
*(3) Biex ikun hemm lok għal ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi ppruvata kawża ġusta;*
*(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f’impediment leġittimu;*
*(5)* ***L-impediment biex ikun leġittimu għandu jkun indipendenti mill-volonta’ tal-kontumaċi;***
*(6) L-iżball mhux impredimen t leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;*
*(7) Dan l-impediment leġittimu jista’ jkun kif intqal, “una necessita’ impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili;*
*(8) L-impossibilita’ li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta’ gravi biex tista’ tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista’ tkun morali.”*

17.Illi l-esponenti umilment jissottometti illi għandu jkun pależi ‘illi l-fatti hawn deskritti jaqgħu fil-parametri żviluppati mill-Qorti tal-Appell” fil-każ surriferit għal ġustifikazzjoni tal-qagħda kontumaċi tal-esponenti.

18.Illi *di piu,* b’referenza għas-sentenza tal-Prim’ Awla fl-ismijiet **Lawrence Farrugia sive Gatt vs. Dottor Vladimir Formosa nomine et** (deċiża fid-29 ta’ Jannar 1970) li fiha ntqal: *“Il-ligi, konsistentement mal-gustizzja u mas-serjetá u dinjitá taghha, ghandha sservi ta’ strument socjali kostruttiv, li biha n-nies ghandhom dritt jinqdew b’mod prattiku li jirrendi l-frott u*

*hajja mhux dewmien evitabbli u ariditá li jiddispraw lil dak li jkun u jikkreaw ostilitá u xettiċiżmu fil-poplu kontra l-ligi."*

19. Għaldaqstant l-esponenti qed jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

    a. Tawtorizzaha sabiex fi zmien qasir hafna u perentorju tintavola r-risposta taghha fil-kawża u konsegwentelment tikkontesta l-istess kawża fl-ismijiet ' RB vs JC

U dan hekk skont dak li jidhrilha xieraq u opportun din l-Onorabbli Qorti;

**Rat ir-risposta ta' R B tal-10 ta' Mejju 2023 li fiha ppremetta:**

1. Din hija r-risposta tal-istanti għar-rikors preżentat mill-konvenuta datat il-25 ta' April, 2023 li jirrelata mat-talba għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tagħha.

2. Il-Qrati tagħna dejjem għalmuna illi fir-rigward tal-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, il-kontumaċja tal-parti konvenuta tkun ġustifikabbli, din trid tkun involontarja, skatenata minn kawża ġusta konsistenti f'impediment leġittimu, liema impediment irid ikun indipendenti mill-volontà tal-konvenut[2] .

[2] Vide Margal Limited vs Eucharist Bajada, TTZ, deciza 5 ta' Frar 2019 u l-casus classicus fl-ismijiet Vittoria Cassar v. Carmelo Vassallo (Appell Inferjuri, 29 ta' Mejju, 1937; riportata f'Kollez. XXIX-I-1581), citata b'approvazzjoni sa zminijiet ricenti, u fost decizjonijiet ohra, in re Simone Eve Collett Sammut et v. Adam Sammut et (Pim'Awla, 17 ta' Marzu, 2015).

3. Mill-qari tar-rikors innifsu u mir-raġunijiet li ngħataw mill-konvenuta sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha, jidher li tali pożizzjoni kienet waħda volontarja. Il-konvenuta kellha kull opportunita li tressaq ir-risposta ġuramentata tagħha fit-terminu preskritt mil-liġi.

4. Il-konvenuta fir-rikors ġuramentat tagħha tispjega illi wara li rċeviet id-dokumenti mit-tifel tagħha "**ma kinitx edotta tal-fatt li għandha tirrikorri għand avukat minnufih**". Dan biss juri illi l-konvenuta kienet negliġenti u għandha ħtija tal-istat tal-kontumaċja.

5. Huwa inverosimili li l-konvenuta ma kinitx konxja li għandha twieġeb għall-istess dokumenti li ġew mgħoddija lilha. Dan 'il għaliex, anke fil-proċeduri ta' medjazzjoni stess, il-partijiet kienu diġà talbu l-intervent tal-Qorti billi ġie preżentat rikors minn naħa tagħha.

6. Inoltre, isir aċċenn illi r-rikors ġurament, fl-ewwel faċċata, għandu avviż **li jispjega illi kull minn jirċievi tali dokument, għandu jwieġeb il-kawża fi żmien indikat**. Dan jekk xejn, ixejjen il-verżjoni mogħtija mill-konvenuta illi hija ma kinitx konxja li għandha tirrikorri għand avukat. Kif intqal fis-sentenza Carmelo Bugeja v Mary xebba Farrugia (A.C. 16 ta' Frar 1996):-

> "F'materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il- 'culpa' u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghalhiex '*qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*'."

7. Inoltre, il-konvenuta tikkonferma illi t-tifel tagħha, li għandu sbatax-il sena għaddielha r-rikors ġuramentat **ftit jiem wara**. Hija tispjega "**wara ftit jiem** mid-data tan-notifika, l-istess tifel fetaħ qalbu m'ommu u informaha li **ftit jiem** qabel huwa ingħata pakkett". Hija ma tilmentax li t-tifel tagħha għaddielha l-inkartament wara t-terminu jew inkella fl-aħħar tat-terminu iżda tali dokumenti ġew mgħoddija lilha "ftit jiem wara". Il-kontestazzjoni tagħha hija "għaliex ingħatat l-inkartament tal-proċeduri tardivament u **għaldaqstant ma gawdietx mill-għoxrin (20) jum kolla** li hija kellha sabiex tintavola r-risposta tagħha". B'kull rispett, il-fatt li l-konvenuta ma gawditx mit-terminu kollu ta' 20 jum, m'għandux iffisser illi hija għandha kawża ġusta għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja.

8. Il-konvenuta omm, fir-rikors ġuramentat tagħha, sa anke tirrileva illi hemm parental alienation. Dan assolutament m'huwiex il-każ. Għal kuntrarju, l-esponenti omm tikkomunika dirett u b'mod frekwenti mat-tifel N, li spiċċa, mhux l-ewwel darba, medjatur bejn il-partijiet. Dan jikkontradixxi l-verżjoni mogħtija mill-konvenuta omm, illi minn banda tisħaq illi hemm parental alienation u mill-banda l-oħra, tuża lil minuri N bħala pustier sabiex jikkomunika mal-esponenti f'dak li jirrelata ma' ħuħ Z (Doc A).

Għaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad t-talba tal-konvenuta għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja u dan previa għal kull ordni li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi fiċ-ċirkostanzi.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi skont l-artikolu 158(10) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar il-kontumaċja illum hija wahda konkordi u uniformi fil-prinċipji li jiggovernaw il-ġustifikazzjoni tal-kontumacja. Fis-sentenza fl-ismijiet **Simone Eve Collette Sammut et vs Adam Sammut et** deciza fis-17 ta' Marzu 2015 gie ritenut illi:

> ***"Id-deċiżjoni gwida f'materja ta' kontumaċja hija dik fl-ismijiet 'Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo' deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol: XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding fejn ġew elenkati l-prinċipji li ġejjin rigwardanti l-kontumaċja : -***

***'(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;***

***'(2) Lanqas tista' tiġġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;***

***'(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;***

***'(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;***

***'(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volontà tal-kontumaċi;***

***'(6) L-iżball mhux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;***

***'(7) Dan l-impediment leġittimu jsta' jkun, kif intqal, 'una necessità impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili';***

***'(8) L-impossibilità li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikultà gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.***

Kif gie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia** deciza fis-16 ta' Frar 1996:

***'F'materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja ġie dejjem ritenut li m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-'culpa' u f'dak il-każ il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għaliex 'qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire'.'***

Fil-kawza fl-ismijiet **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd**. deciza fit-28 ta' Jannar 2005, il-Qorti tal-Appell rreteniet illi:

> ***'L-istitut tal-kontumaċja minn dejjem kien suġġett ta' kontroversja. Dan hu hekk minħabba l-fatt li l-effetti tiegħu – ta' natura punittiva – huma odjużi. L-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq tal-provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. Dik il-preżenza tal-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew 'kawża ġusta' jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' l-kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek huwa tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.'***[3]

**IKKUNSIDRAT**

Illi kif inhu risaput, sabiex tirnexxi talba għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, din trid tkun involontarja jew riżultat ta' impediment leġittima, liema impediment kien indipendenti mill-volonta` tal-konvenut;

[3]Ara wkoll 'Vella pro et nomine vs Vella', Qorti tal-Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Col.Vol. LXXVII-ii-170); 'Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi', deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Dicembru 1975, 'Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul' deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar it-13 ta' Jannar, 1999."

Illi r-rikorrenti spjegat u kkonfermat bil-ġurament tagħha, kif l-inkartament kien ittieħed u ġie fattwalment notifikat f'idejn binha N, fatt li jirriżulta wkoll mir-riferta li tinsab a fol. 38 tal-process odjern u hija ssostni li binha m'għaddilhiex l-inkartament immedjatament;

Illi fattwalment jirriżulta li t-terminu biex il-konvenuta tintavola r-risposta ġuramentata tagħha kien skada biss b'jum wiehed, u dan kif jirriżulta mill-inkartament tal-proċess, tant li l-għada li skorrew l-għoxrin jum, hija intavolat ir-rikors odjern, f'liema qed titlob permess biex tkun tista' tressaq ir-risposta ġuramentata tagħha u anke dehret quddiem din il-Qorti fl-ewwel udjenza li segwiet in-notifika tagħha. Illi ghalhekk il-Qorti tifhem li dan ma kienx xi kaz ta' traskuragni da parti tal-konvenuta, ghax hekk kif indunat li kellha terminu biex twiegeb, minnufih qabbdet avukat sabiex jassistiha, u fil-pront sari r-rikors odjern. Il-ligi u l-gurisprudenza fir-rigward ma jistghux jkunu daqshekk drakonjani illi kull terminu illi jiskadi bil-fors jgib mieghu telf ta' opprtunita' li ssir risposta ghal azzjoni gudizzjarja. F'dan il-kaz, il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li l-konvenuta rnezzielha tipprova u tiggustifika l-lontumacja taghha, u ghalhekk sejra tilqa' t-talba taghha u tawtorizzaha tippresenta r-risposta ghar-rikors guramentat tal-attur.

**DECIDE:**

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern, din il-Qorti tqis li n-nuqqas tal-konvenuta li tintavola r-risposta ġuramentata tagħha fi żmien għoxrin jum, hija skużabbli u ma kinitx tiddependi fuq il-volonta` tagħha, u konsegwentement din il-Qorti qed tgħaddi biex tilqa' t-talba ta'  J C u qed tawtorizzaha tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha fi żmien għoxrin jum mil-lum.

**Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.**

**Imħallef Antonio G. Vella**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**